**KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR**
Triq il-Profs Ġużè Aquilina
Il-Munxar MXR1012
-----------------------------------------
**KUMITAT AMMINISTRATTIV IX-XLENDI**

**1.00 Laqgħa Numru KAX 21-2016**

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar it-Tlieta, 19 ta' Jannar 2016, miżmuma fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, Il-Munxar.

1.02 Il-Kumitat iltaqa' fil-5.00 ta' filgħaxija.

1.03 Preżenti għal din il-laqgħa:

Is-Sur Mark Anthony Busuttil - *Chairperson.*
Is-Sinjura Joselle Camilleri - Membru.
Is-Sur Patrick Grima - Membru.
Is-Sur Saviour Xiberras - Membru.

Is-Sinjura Carmen Said - Sindku.

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv.

Skużata kien hemm is-Sinjorina Charmaine Vella - Viċi *Chairperson.*

1.04 Il-Kumitat segwa l-Aġenda li ntbagħtet fit-12 ta' Jannar 2016.

1. Approvazzjoni tal-Minuti.
2. Xogħlijiet fix-Xlendi.
3. Estimi Finanzjarji 2016.
4. Il-Laqgħa tal-Lokalità.
5. Skema Inizjattivi Kulturali 2015-2018.
6. Rapport tas-Sindku.
7. Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.
8. Mistoqsijiet mill-membri.
9. Materji oħra.

1.05 Ġew approvati l-Minuti tal-laqgħa KAX 20-2015.

**2.00 Xogħlijiet fix-Xlendi.**

2.01 Il-maltemp li kien għamel fil-bidu ta' Diċembru 2015 kien qala' l-bankijiet tal-*concrete* li saru mal-passaġġ tax-Xlendi. Wieħed tkaxkar għal ġol-baħar u l-ieħor tkaxkar għal fuq il-blat. Il-bank li tkaxkar fuq il-blat ma jitranġax. Il-ħaddiema tal-Ministeru għal Għawdex poġġew il-bankijiet f'posthom u issa l-kuntrattur ser iwaħħalhom fissi mal-art.

2.02 Il-Kumitat qed jistenna sabiex ħaddiema tas-CMU jibdew jaħdmu fuq il-programm ta’ bini ta’ bankini fix-Xlendi.

**3.00 Estimi Finanzjarji 2016.**

3.01 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta abbozz tal-Estimi Annwali 2016. L-Allokazzjoni Finanzjarja għas-sena li tagħlaq fil-31 ta’ Diċembru 2016 għall-Kunsill Lokali Il-Munxar se tkun ta’ €223,061 u minn din is-somma hemm €94,078 li hija allokazzjoni għall-Kumitat Amministrattiv Ix-Xlendi. Ma’ din l-allokazzjoni huwa kkalkulat li d-dħul minn permessi u *photocopies* ikun ta’ €3,000 li minnhom hemm €1,500 mix-Xlendi. Dħul mix-Xlendi ser ikun hemm €2,750 mill-kera tal-*kiosk*. Emolumenti Personali għas-sena sħiħa ser ikunu €81,040 li minnhom hemm €34,847 għall-Kumitat Amministrattiv Ix-Xlendi. Qed isir estimu ta’ €146,588 għal spejjeż ta’ kuntratti u manutenzjoni fejn €65,047 ser jintefqu direttament fil-Bajja tax-Xlendi.

**4.00 Il-Laqgħa tal-Lokalità.**

4.01 Skont l-artiklu 70 tal-Att dwar il-Kunsilli Lokali (Att Nru XV tal-1993), ta’ kull sena trid issir laqgħa pubblika. Bħalma sar kull sena, ser issir laqgħa għall-persuni mir-raħal żgħir tax-Xlendi li isimhom jidher fl-aħħar Reġistru Elettorali għall-Kunsill Lokali Il-Munxar u laqgħa oħra għar-residenti tal-Munxar. Ser jiġi kkonsultat il-Kunsill sabiex il-laqgħat isiru fl-istess ġurnata.

**5.00 Skema Inizjattivi Kulturali 2015-2018.**

5.01 Il-Kumitat applika għal żewġ attivitajiet; attività bl-isem Ix-Xlendi Spring Festival li ser isir fis-17 t’April 2016 u l-applikazzjoni l-oħra hija l-Kalendarju ta’ Attivitajiet għal matul it-tliet xhur tas-sajf.
Għalkemm fil-*guidelines* kien hemm indikat li huwa ppjanat li r-riżultati se joħorġu f’Diċembru 2015, sal-lum id-19 ta’ Jannar 2016 għadu ma ħareġ l-ebda riżultat bil-konsegwenza li ma jistgħux jibdew il-preparamenti.

**6.00 Rapport tas-Sindku.**

6.01 Sar eżerċizzju mal-Inġinier Mario Galea sabiex fix-Xlendi u Il-Munxar jiżdiedu l-lampi fit-toroq. Dawn il-lampi ser jitħallsu mill-fondi tal-EU.

**7.00 Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.**

7.01 Il-Kumitat irċieva talba mingħand ir-Ristorant Seashells ta’ Triq ir-Rabat, Ix-Xlendi. Huwa qed jitlob *no objection* għall-proposta tiegħu sabiex ipoġġi mwejjed u umbrelli fuq il-bankina quddiem il-proprjetà tiegħu. Il-Kumitat ma jsibx oġġezzjoni bil-kundizzjonijiet tas-soltu.

7.02 Il-Kumitat irċieva *e-mail* mingħand it-Taqsima tal-Kultura rigward l-inizjattiva – Għawdex Fidi u Tradizzjoni fejn ser issir il-Via Sagra ħajja ġewwa Iċ-Ċittadella. Qegħdin jitolbu sabiex jekk irridu ninnominaw għaqda jew għaqdiet jew individwi li għandhom x'jaqsmu ma' attivitajiet bħal dawn u li jkunu interessati li jagħtu s-sehem tagħhom f'din l-attività.

7.03 Il-Kumitat irċieva stima mingħand is-Sur Michael Hili li kellu t-*truck* li kisser ir-*railing* ta' Triq il-Kantra fejn baqa' nieżel għal isfel. Huwa qed jitlob lill-Kumitat jgħaddi l-istima biex issir *claim* lill-*insurance* tat-*truck* tiegħu.

7.04 Il-Kumitat irċieva *no objection* għall-proposta sabiex kamra żgħira fil-*Parking* tax-Xlendi li kienet tintuża mill-Bank APS titwaqqa' u ssir talba għall-*encroachment* biex jitpoġġew imwejjed u siġġijiet. Il-Kumitat ma jsib l-ebda oġġezzjoni.

7.05 Il-Kumitat irċieva talba għal *no objection* għall-proposta ta' bini ta' struttura għal fuq l-imwejjed u siġġijiet. Il-Kumitat ma jsib l-ebda oġġezzjoni, bil-kundizzjoni li l-*area* fejn ser titpoġġa t-tinda tkun quddiem il-proprjetà tal-applikant; għandu jitħalla passaġġ ta' 1.5m għall-pubbliku biex ikun jista' jgħaddi; u l-passaġġ li jitħalla għall-pubbliku ma jkollux tinda fuqu.

**8.00 Mistoqsijiet mill-membri.**

8.01 Is-Sur Saviour Xiberras fakkar dwar dawk it-tabelli li ntalbu biex isiru minn Transport Malta fil-bokka tal-Wied tax-Xlendi peress li meta tagħmel ix-xita, dik l-*area* fejn jiġu pparkjati l-vetturi jgħaddi ħafna ilma u jkaxkar kollox. Il-Kumitat ser jerġa' jibgħat *e-mail* dwar dan.

**9.00 Materji oħra.**

9.01 Ma kienx hemm materji oħra x'jiġu diskussi.

Il-laqgħa spiċċat fis-7.00 ta' filgħaxija u ġie miftiehem li laqgħa oħra ssir nhar it-Tlieta, 23 ta' Frar 2016, fil-5.00 ta' filgħaxija.

**Mark Busuttil**
***Chairperson.***

**Anthony Grech**
***Segretarju Eżekuttiv.***